MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru 2/2009

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 2/2009**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**George Xuereb**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fit-13 ta’ Marzu 2013 dwar eccezzjonijiet preliminari ta’ l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b’rikors intavolat fil-15 ta’ Marzu 2013.

**2.** George Xuereb kien akkużat, permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta’ Jannar 2009 (nru 2/2009) li: (1) reċidiv, ħati ta’ tentattiv ta’ serq u cioe` bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq ta’ flus f’ammont ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), wera dan il-ħsieb b’atti esterni li jagħtu bidu għall-esekuzzjoni tal-istess delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tal-akkużat, b’dan illi l-istess tentattiv ta’ serq hu kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta’ omiċidju, offiża fuq il-persuna, armi, numru), mezz (għoti tal-wiċċ), valur u lok (lok ta’ depositu) jew ta’ rahan li qiegħed għall-kumdita` tal-pubbliku); (2) reċidiv, ħati ta’ tentattiv ta’ omiċidju volontarju u cioe`dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f’perikolu ċar wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta’ omiċidju volontarju li ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; (3) reċidiv, ħati ta’ serq aggravat bil-vjolenza (offiża fuq il-persuna, armi u theddid għall-ħajja), mezz (għata) u valur; (4) reċidiv, ħati ta’ serq ta’ oġġett li jiswa aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; (5) reċidiv, ħati talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu;

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar għal kollox is-sentenza appellata u minflok takkolji t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.

**4.** Permezz ta’ dawn l-eċċezzjonjiet fin-nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fid-29 ta’ Jannar 2009 l-akkużat appellant eċċepixxa:

“2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal premess, l-inammissibbilita` tal-provi kollha li gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fi stadju segwenti għal sentenza Kostituzzjonali datata 28 ta’ Jannar 2005 (Cit. Nru 14/03 GV) li ppronunzjat ruħha favur l-akkużat u kontra l-Avukat Ġenerali fis-sens li ġew leżi d-drittijiet kostituzzjonali tal-istess akkużat minħabba d-dewmien esaġerat u bla raġuni legali fil-proċess quddiem il-Qorti Istruttorja.

“3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-inammissibbilita` tar-rapport dwar l-eżami komparattiv fuq l-impronti diġitali in vista tal-fatt li dan ġie esegwit minn ex-ufficjal tal-Korp tal-Pulizija, partikolarment meta tqis il-fatt li l-istess “espert tal-Qorti” kien fil-fatt membru tal-Korp tal-Pulizija fiż-żmien meta seħħ l-inċident meritu ta’ dawn il-proċeduri u dana fuq skorta ta’ ġurisprudenza kostanti nostrana.”

**5.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza tagħha dwar dawn l-eċċezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**“Rigward it-tieni eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jilmenta illi d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu ġew leżi wara sentenza mogħtija fil-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta’ Jannar 2005 li ppronunzjat favur tiegħu u kontra l-Avukat Ġenerali minħabba d-dewmien esaġerat u bla raġuni legali quddiem il-Qorti Istruttorja.**

**“L-akkużat qiegħed jargumenta illi ladarba kien hemm dikjarazzjoni illi d-drittijiet fondamentali tiegħu ġew leżi ergo dak il-proċess kollu illi sar wara d-dikjarazzjoni ta’ dan il-ksur huwa llegali u jkompli jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu u ta bħala eżempju l-każ fejn il-Pulizija jużaw “entrapment” b’mod illegali fejn dawk il-provi kollha li jkunu inġabru wara din il-legalita` [*recte:* l-illegalita`] jkunu wkoll illegali.**

**“Ikkunsidrat:**

**“Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argument. Huwa veru illi d-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta’ Jannar, 2005 il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat illi l-proċeduri fil-konfront ta’ l-akkużat ittieħdu żmien twil wisq u dan id-dewmien illedi d-drittijiet fundamentali tiegħu, pero` l-Qorti fl-ebda ħin ma ordnat it-twaqqif tal-provi jew inkella l-liberatorja tal-akkużat iżda tat rimedju finanzjarju fejn l-akkużat ġie mogħti d-dritt ta’ kumpens ta’ tliet mitt lira (LM 300).**

**“Tant il-Qorti ma riditx illi jitwaqqfu l-provi jew inkella l-akkużat jiġi lliberat, illi fl-aħħar nett ordnat lill-intimat, l-allura l-Avukat Ġenerali, biex kemm jista` jkun malajr joħroġ Att tal-Akkuża kontra r-rikorrent, ħaġa illi l-Avukat Ġenerali għamel b’dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Qorti jidhrilha illi minkejja d-dewmien, imkien ma ingħad illi hemm xi illegalita` fil-ġbir tal-provi. Għalhekk dawna huma legali u inġabru skont il-liġi u ma hemm xejn ħażin fihom u għandhom jibqgħu fl-atti bla mittiefsa biex iservu bħala prova favur jew kontra l-akkużat.**

**“Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-akkużat qiegħed jeċċepixxi l-inammissibbilita` tar-rapport dwar l-eżami komparattiv fuq impronti diġitali in vista tal-fatt li dan ġie esegwit minn ex-uffiċjal tal-korp tal-Pulizija, partikolarment meta tqis il-fatt li l-istess espert tal-Qorti kien membru tal-Korp tal-Pulizija fiż-żmien meta seħħ l-inċident meritu ta’ dawn il-proċeduri u dana skont skorta ta’ ġurisprudenza kostanti nostrana.**

**“Ikkunsidrat:**

**“Il-ġurisprudenza li qed jirreferi għaliha l-akkużat hija dik ‘Ir-Repubblika ta’ Malta vs Nicholas Ellul’ deċiża fit-22 ta’ Mejju 1991 kif ukoll kontra Longino Aquilina mogħtija 1992 fejn qalu li l-espert tal-Pulizija jista` biss jeleva xi kampjuni u jippreservahom iżda mhux illi jagħmel xi eżami komparattiv jew jagħti opinjoni tagħhom.**

**"Argumenta illi f'dan il-każ il-Qorti innominat lil ex-PC Mallia illi bħala ex-membru tal-Korp tal-Pulizija ma setax jagħti opinjoni u għalhekk ir-relazzjoni tiegħu hija llegali u ma kellhiex tibqa` fl-atti.**

**"Veru illi meta sar l-inċident l-espert Mallia kien għadu membru tal-Korp tal-Pulizija, għad illi meta għamel l-ewwel evalwazzjoni tiegħu ma kienx baqa`.**

**"Ikkunsidrat:**

**"Din l-eċċezzjoni ġiet definittivament determinata minn deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Frar, 2011 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs George Xuereb' fejn fost affarijiet oħra l-Qorti qalet *'minn eżami tal-fatti tal-każ irriżulta li l-espert Joseph Mallia, nominat mill-Qorti tal-Maġistrati għal fini ta' eżami komparattiv tal-impronti diġitali, u dan ukoll wara li ħa l-impronti diġitali tal-akkużat quddiem il-Qorti, <u>ma kienx baqa` w kwindi mhuwiex</u> aktar membru tal-Korp tal-Pulizija. Bil-fatt imbagħad li seta` kien li fil-mument li ġew oriġinarjament elevati u preservati l-impronti diġitali in konnessjoni mal-allegat ta' kommissjoni tar-reat, l-espert Joseph Mallia kien għadu effettivament membru tal-istess Korp, dan ma jwassalx għal xi leżjoni ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif qed jiġi argumentat mill-akkużat.***

**"*Dan l-argument kien ireġġi u kien ikun validu biss fil-każ li Joseph Mallia kien għadu sa dak il-mument li inħatar għal fini tal-eżami komparattiv membru tal-Korp tal-Pulizija. Din il-Qorti jidhrilha li bil-fatt waħdu li l-espert fl-imgħoddi kien fil-Korp tal-Pulizija m'għandux ifisser jew isegwi li allura huwa għandu xi forma ta' inibizzjoni jew interdizzjoni perpetwa milli qatt iservi qua espert tekniku fi proċeduri bhal dawn.'.***

**"Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet illi minkejja l-opinjoni tal-espert, id-difiża dejjem għandha d-dritt ta' skrutinju u kontroll ta' l-istess opinjoni illi tista` tissoġġetta għal kontro-eżami u wkoll tattakka l-istess**

**opinjoni b'xi opinjoni oħra teknika li jista` jkun illi jkollha.**

**"Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma' dan l-insenjament li rrefera direttament għat-tielet eċċezzjoni tal-akkużat u ddispona minnha."**

**6.** Minn din is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2013 appella, kif ingħad, l-akkużat, li talab li din il-Qorti tirrevokaha.

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa dwar it-tielet eċċezzjoni tiegħu fejn isostni illi r-rapport fuq l-eżami komparattiv ta' l-impronti diġitali għandu jitqies inammissibbli. L-appellant jagħmel is-segwenti sottomissjonijiet:

"1. Illi wieħed mill-prinċipji fodnamentali f'kull proċess ġudizzjarju, partikolarment f'wieħed ta' natura penali huwa dak magħruf bħala 'nemo judex in xausa propria'. Illi tali prinċipju ma għandux jiġi limitat u mfisser biss fis-sens li persuna ma tistax tiġi aġġudikata darbtejn fuq l-istess meritu mill-istess persuina iżda t-tifsira ta' tali prinċipju għandu jittieħed u jiġi miftiehem f'sens aktar wiesa' meta jiġi biex jinterpreta sewwa sew it-tifsira u sinifikat ta' ġudizzju minn Qorti indipendenti u imparzjali;

"2. Illi fil-każ in eżami, ġiet avvanzata anzi ġiet materjalizzata ċ-ċirkostanza fattwali fejn l-entita` li elevat l-impronti diġitali fuq is-sit tad-delitt sejra tkun l-istess entita` li ser tagħmel anzi għamlet l-eżami komparattiv ma' l-impronti diġitali tal-persuna imputat bl-istess reat li qed jiġi investigat;

"3. Illi n-nomina tal-persuna in kwistjoni ma kinitx desiderabbli kemm mill-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kemm mill-istess Avukat Ġenerali nnifsu. Difatti inzijalment kienu ġew nominati diversi esperti oħra estranei għal kollox mill-Korp tal-Pulizija, uħud addirittura ta' nazzjonalita` barranija u daba bl-uniku skop cioe` dak li jiġi salvagwardat dan il-prinċipju fondamentali fuq indikat u konsegwentement jiġi protett d-

dritt kostituzzjonali ta' smiegħ xieraq għal persuna imputata bir-reat in kwistjoni;

"4. Illi ġaladarba tali prinċipju kien qed jiġi rikonoxxut u ammess mill-partijiet kollha f'dan il-proċess inkluż mill-istess ġudikant sedenti u mill-uffiċjali tal-prosekuzzjoni, ma hux kwindi skużabbli li dan id-dritt jista' jiġi mwarrab gil-ġenb għas-sempliċi raġuni li ma nstabitx persuna estraneja għall-Korp biex jesegwixxi tali eżami komparattiv. Dritt Kostituzzjonali ta' din il-portata huwa ta' natura fondamentali u mhux ta' sempliċi konvenjenza tal-mument;

"5. Issir referenza għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin f'dan ir-rigward, cioe` **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, 22/5/1991, u **Il-Pulizija vs Longinu Aquilina**, 23/1/92, **John Saliba vs Avukat Ġenerali**, 6/7/98, **Nazzareno sive Reno Zarb vs AG**, 31/10/03, u l-każ ta' **Bonisch** deċiż mill-Qorti Ewropea fis-6 ta' Mejju 1985;

"6. Illi fil-każ in diżamina, eżattament bħalma ġara fil-każ ta' **John Saliba** u differenetment minn dak li ġara fil-każ ta' **Melchior Spiteri**, l-appellant, tramite d-difensur tiegħu, immedjatament oġġezzjona għan-nomina ta' Joseph Mallia. Di piu` jiġi notat ukoll li l-każ tal-prosekuzzjoni jistrieġ kollu kemm hu fuq impronta diġitali. Għalhekk ma jistax ikun hemm dubju li l-prinċipji enunċjati f'dawn is-sentenzi u anke f'diversi sentenzi oħra għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal dan il-każ;

"7. Illi kif ġie ritenut minn diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-Kodiċi Kriminali tagħna proprjament ma hemm xejn li jimpedixxi lil Qorti milli tinnomina bħala espert membru tal-Korp tal-Pulizija. Fl-intendiment tal-leġislatur penali l-indipendenza tal-persuna hekk nominata u l-ekwidistanza tiegħu mill-partijiet fil-kawża tiġi garantita proprju bil-fatt li tkun ġiet nominata mill-Qorti u ma tkunx inġiebet bħala xhud *ex parte*. Iżda f'dawn l-aħħar snin kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, stabbilew ċerti prinċipji intiżi biex filwaqt li jassiguraw il-

protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fondamentali ta’ l-akkużat jiġi assigurat ukoll li l-Qrati ma jinfatmux mir-realtajiet tas-soċjeta` li fiha joperaw, b’mod li ‘jinħoloq bilanċ ġust bejn l-interess suprem tal-ġustizzja u l-interess tas-soċjeta` li tipproteġi ruħha kontra reati ta’ ċerta gravita`’. Minn qari akkurat ta’ dawn is-sentenzi joħorġu żewġ prinċipji li fil-prattika ġew segwiti kostantement mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali tagħna f’dawn l-aħħar snin, u cioe`:

(i) li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surġenti u fizzjali) m’għandhomx jinħatru periti fis-sens ta’ l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali, u li jekk dawn xorta waħda hekk jinħatru, huma jkunu ammissibbli biss bħala xhieda ordinarji, cioe` biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta’ fatt minnhom magħmula iżda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u

(ii) persuni li jaħdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija (u li fil-passat kien jifforma parti ntegrali mill-Korp) li ma humiex membri tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta’ Malta, jistgħu jiġu nominati bħala periti u jiddeponu bħala tali kemm-il darba ma jkunx jirriżulta fil-każ konkret li huma jkunu, qabel in-nomina tagħhom, jew esprimew ruħhom dwar il-ħtija ta’ l-imputat jew akkużat li jkun, jew altrimenti, fil-kors ta’ xi xogħol li jkun ġew imqabbda jagħmlu minn awtorita` mhux ġudizzjarja in konnessjoni ma’ l-*in genere*, ikunu iffurmaw ‘pre-ġudizzju’ kontra l-imputat jew akkużat.

“8. Illi fil-każ in diżamina japplika l-ewwel prinċipju in kwantu l-espert Joseph Mallia kien membru tal-Korp tal-Pulizija fiż-żmien ta’ l-allegati reati u l-investigazzjoni sussegwenti magħmula mill-imsemmi Korp. Illi huwa risaput li dak iż-żmien Joseph Mallia kien l-uniku espert tal-Pulizija li kien jaħdem fil-kamp ta’ komparazzjonijiet ta’ impronti diġitali bil-konsegwenza li d-dritijiet fodnamentali ta’ l-esponent ser jiġu leżi f’każ li l-opinjonijiet ta’ dan l-espert jiġu aċċettati bħala opinjonijiet ta’ espert indipendenti mill-partijiet. Il-fatt li l-Pulizija tiddeċiedi li tressaq persuna esklussivament a bażi ta’ impronta diġitali fi żmien meta l-uniku espert f’din il-materja fil-Korp

tal-Pulizija kien Joseph mallia hija prova fiha nnifisha tal-fatt li l-istess Joseph mallia ħa sehem f'din l-investigazzjoni fil-vesti tiegħu ta' uffiċjal fi ħdan l-imsemmi Korp – *res ipsa loquitur*. Fil-fatt fi satdju bikri ta' dawn il-proċeduri kontra l-appellant, l-istess Joseph Mallia kien anke ssejjaħ bħala xhud biex jiddeponi. Apparti kwistjonijiet ta' leżjoni lampanti ta' dritt għal smiegħ xieraq, dan il-fatt lanqas ma jawgura tajjeb għall-aħjar andament ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja.

"9. Illi għalkemm huwa minnu li jista' jiġi argumentat li l-liġi qiegħda u trid tassikura li l-Qorti għandha tkun indipendenti u mparzjali u ma ssemmi xejn dwar il-ħatra tal-esperti, huwa minnu wkoll pero` li fl-ewwel lok l-espert maħtur mill-Qorti wkoll għandu jitqies bħala mparzjali u 'l hinn minn kull suspett jew dubbju dwar l-integrita` tiegħu; fit-tieni lok, l-espert tekniku jiġi maħtur biex jassisti l-Qorti f'materja fejn l-istess Qorti *di scientia proprio* ma tkunx midħla tas-suġġett u għalhekk f'tali kompitu l-istess espert għandu jkun soġġett għall-istess regoli ta' skrutinju bħal kull ġudikant ieħor u dana peress illi f'dik id-deċiżjoni ossia konklużjoni partikolari tiegħu għalxiex ikun ġie maħtur, huwa ser ikollu rwol sostanzjali jekk mhux addirittura deċiżiv fuq dik il-materja in kwistjoni; u fit-tielet lok wieħed ma għandux jinsa wkoll prinċipju ieħor fondamentali li jgħid li l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid ukoll tidher li qiegħda ssir;

"10. Illi għalkemm huwa minnu li rapport peritali huwa fih innifsu biss espressjoni ta' opinjoni u kwindi l-Qorti tista' liberament ma tistrieħx fuq tali konklużjoni, il-possibilita` li tali ċirkostanza tista' tavvera ruħha realment hija ferm improbabbli jekk mhux addirittura kważi impossibbli peress illi jekk il-Qorti tkun ħatret espert biex jirrelata fuq materja fejn l-istess Qorti ma tifhimx, diffiċli wieħed jista' jara ċirkostanza fejn l-istess Qorti in segwitu ma ssegwix jew ma taċċettax tali rapport imhejji mill-espert nominat minnha stess. Tkun ċirkostanza ferm inkredibbli u ċertament mhux realistika;

"11. Illi fil-każ in eżami r-rapport tal-espert tal-impronti diġitali fuq l-eżami komparattiv minnu esegwit sejjer

jassumi importanza sostanzjali peress illi għajr tali eventwali prova, ma teżisti l-anqas prova waħda oħra indipendenti li b'xi mod torbot lill-appellant mal-każ li huwa qed jiġi imputat bih;

"12. Illi fil-fatt fid-diversi sentenzi kwotati, ġie rilevat illi għalkemm espert nominat mill-Qorti f'proċess penali jista' jkun membru jew ex-membru tal-Korp tal-Pulizija fil-każ ta' impronti diġitali, l-eserċizzju tiegħu pero` għandu jkun limitat għall-elevazzjoni tal-istess impronti u ċertament pero` ma jistax jagħti opinjoni u/jew jagħmel xi eżami komparattiv u/jew jagħmel konklużjonijiet fuq l-istess eżami komparattiv ukoll;

"13. Illi għalkemm huwa minnu li llum il-ġurnata l-espert nominat mill-Qorti ma għadux fil-Korp tal-Pulizija, pero` rriżulta bħala fatt paċifiku daqstant ieħor mhux biss li l-espert kien membru tal-Korp fiż-żmien tar-reat iżda wkoll li l-impronti kienu ġew elevati minn fuq il-post tal-inċident minn kollega tiegħu li jaħdem fl-istess taqsima fejn kien u għadu jaħdem l-istess espert, u cioe` mid-Dipartiment tal-Forensika li fiż-żmien in kwistjoni kienet tifforma parti integrali mill-Korp tal-Pulizija. Illi għalhekk l-ilment tal-appellant ma hux sempliċement li r-rapport komparattiv qed jiġi esegwit minn ex-membru fil-Korp tal-Pulizija iżda wkoll li qed isir minn membru tal-*Forensic Unit* li kienet tifforma parti integrali mill-Korp u li l-istess impronti kienu ġew elevati minn membru ieħor tal-istess *Unit*, kollega ta' l-espert li fiż-żmien in kwistjoni kien huwa wkoll membru tal-Korp tal-Pulizija stante li l-*Forensic Unit* kienet tifforma parti mill-Korp kif gia` ntqal hawn fuq;

"14. Illi ma għandu x'jaqsam xejn li llum il-ġurnata l-espert ma għadux mal-Korp tal-Pulizija. Il-fatt jibqa' li l-eżami komparattiv ser jiġi esegwit minn persuna li kien fil-Korp u li xogħlu kien proprju dak li jeleva l-impronti u jagħmel xogħol ta' komparazzjoni għal finijiet ta' prosekuzzjoni jew għal benefiċċju tal-Pulizija Eżekuttiva jew għall-Avukat Ġenerali skond il-każ. Illi għalhekk ċertament tali hekk imsejjaħ espert ma jistax jitqies bħala persuna li qatt tista' tiġi meqjusa bħala waħda newtrali jew imparzjali f'proċess ġudizzjarju fejn l-istorja tiegħu dejjem tindika li huwa

dejjem ħadem għal parti waħda f’tali proċessi cioe` dejjem fuq in-naħa tal-prosekuzzjoni.”

**8.** Dawn l-argumenti kollha nġabu fil-proċeduri kostituzzjonali mnedija wara referenza li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fuq talba ta’ l-appellant (allura imputat) fejn il-kwistjoni mqanqla kienet jekk waqt il-proċeduri quddiem dik il-Qorti, bin-nomina minnha tal-espert Joseph Mallia sabiex jieħu l-impronti diġitali ta’ l-imputat u fejn l-istess espert ġie dirett sabiex jagħmel eżami ta’ komparazzjoni relattivi tal-istess fis-sens kif indikat fl-istess digriet tal-istess Qorti datat 7 ta’ April 2008, tali nomina u inkarigu jiksrux id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq sanċit permezz tal-**Artikoli 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u permezz tal-**Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali**. Bis-sentenza tagħha tal-25 ta’ Frar 2011 il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat *in toto* s-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta’ Marzu 2010 li permezz tagħha ddeċidiet li n-nomina ta’ Joseph Mallia ma kinitx tikkostitwixxi ksur tad-dritt ta’ l-appellant għal smigħ xieraq skond l-Artikoli ċitati.

**9.** Fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali ssintetizzat il-prinċipji emerġenti mill-ġurisprudenza dwar in-nomina ta’ membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija u esprimiet il-fehma tagħha dwar in-nomina ta’ ex-membri tal-Korp. Din il-Qorti sejra tirreferi *in extenso* għall-parti rilevanti ta’ din is-sentenza:

“7. Il-kweziti in dibattitu huma dawn: bil-fatt li l-espert tekniku kien membru tal-Korp tal-Pulizija qabel ma gie moghti l-inkarigu biex jiehu u jikkompara l-impronti digitali tal-imputat Xuereb, dan ikun jammonta ghal ksur ta’ xi wiehed, jew tat-tnejn li huma, taz-zewg artikoli sucitati? Jista’ ex-membru tal-Pulizija jigi nominat mill-Qorti bhala espert tekniku, anki meta jirrizulta li meta jkun gie kommess l-allegat reat u gew elevati impronti mix-xena tar-reat, dan l-espert kien ghadu jifforma parti mill-istess Korp?

“8. Minn qari tas-sentenza appellata, ghandu jirrizulta illi li l-ewwel Qorti, qabel ma ghaddiet biex tichad dak li talab l-appellant Xuereb, ghaddiet in rassenja bl-aktar mod dettaljat u approfondit id-diversi decizjonijiet ta’ indole Kostituzzjonali u Konvenzjonali li nghataw minn qrati lokali dwar l-istess materja.

“Il-punti ta’ principju li jemergu minn dawn id-diversi sentenzi huma dawn:

(i) Illi mhux konducenti ghal smiegh xieraq li jigu nominati, fil-proceduri kriminali, esperti li mhux biss ghandhom konnessjoni mill-qrib tal-prosekuzzjoni izda huma dipendenti taghha.

(**Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija** Qorti Kostituzzjonali, fit-22 ta’ Mejju 1991)

“(ii) Illi n-nomina ta’ ufficjal tal-Pulizija bhala espert tal-marki tas-swaba hija konformi mal-principji ta’ smiegh xieraq u kwindi jistghu jittiehdu u jigu elevati tali impronti digitali. Dan hu sabiex jigi stabbilit u ppriservat biss dawk l-aspetti materjali u fattwali oggettivi – bla ma jsir pero` ebda ezercizzju komparattiv fuqhom.

(**Il-Pulizija v. Longinu Aquilina** Qorti Kostituzzjonali, fit-23 ta’ Jannar 1992).

“ (iii) Illi meta f’kawza kriminali l-perit tekniku nominat ikun ufficjal tal-pulizija, in-nuqqas li tigi akkolta dik ir-rikuza (mill-Qorti) tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Meta l-perit tekniku jillimita ruhu biss biex jistabbilixxi u jippriserva l-aspetti materjali u fattwali oggettivi u ma jaghmel ebda ezercizzju valutattiv ma jkun hemm xejn oggezzjonabbli f’dak li jirrigwarda smiegh xieraq.

(**Il-Pulizija Spettur Mario Calleja v. Carmel Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, fit-30 ta’ April 1993)

“(iv) Esperti teknici li jkunu impjegati tal-pulizija ma jaghtux affidabilita` ta’ indipendenza rikjesta mil-ligi billi ma

setghux jitqiesu bhala indipendenti jew imparzjali u n-nomina taghhom jilledi d-dritt ta' smiegh xieraq.

(**John Saliba v. Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, fis-6 ta' Lulju 1998)

"(v) Illi kemm il-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll il-Kostituzzjoni trid li l-Qorti tkun indipendenti u imparzjali, u ma tghid xejn dwar il-periti li l-Qorti tista' tahtar biex jassistiha. Id-decizjoni finali hi f'idejn il-Qorti u mhux f'idejn il-periti.

"Il-fatt biss li espert hu membru tal-Korp tal-Pulizija, minnu nnifsu ma jiggustifikax il-biza' li hu mhux ser ikun newtrali. Din il-biza' trid tkun gustifikata oggettivament.

(**Nazzareno sive Reno Zarb v. Avukat Generali** Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, fil-15 ta' Mejju 2003)

"F'din id-decizjoni, dik il-Qorti qieset ukoll zewg aspetti addizzjonali li ma gewx mistharrga fis-sentenza **Saliba v. Avukat Generali**, jigifieri r-rwol ta' supervizjoni min-naha tal-Qorti u l-principju tan-necessita` meta jkun hemm nuqqas ta' rizorsi umani f'dak is-settur.

"(vi) Illi l-posizzjoni ta' espert li jkun membru effettiv tal-Korp tal-Pulizija, cioe` jkun ghadu dipendenti direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija, mhux per ezempju, jekk ikun gie *seconded* ma' xi Dipartiment iehor tal-Gvern b'mod li ma jkunx aktar dipendenti direttament mill-imsemmi Kummissarju, hi illum cara, u dan wara diversi pronunzjamenti kemm ta' din il-Qorti (ara inter alia **N. Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija**, fit-22 ta' Mejju 1991; **J. Saliba v. Avukat Generali**, fis-6 ta' Lulju 1991), kif ukoll tal-Appell Kriminali (**Repubblika ta' Malta v. J. Attard u Angelo Attard** fit-8 ta' Mejju 1998).

"Dawn il-membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija, anke jekk jigu nominati 'esperti' fi proceduri gudizzjarji ta' natura penali, jistghu jiddeponu biss dwar ir-rizultanzi fattwali li jkunu rriskontraw – del resto bhalma jista' u ghandu

jiddeponi kulhadd, inkluzi membri tal-imsemmi Korp, izda ma jistghux jesprimu opinjoni jew opinjonijiet li huma rizervati ghall-esperti…Huwa ghalhekk li ma jistax ikun hemm oggezzjoni ghall-espert li semplicement jeleva impronti digitali – l-elevazzjoni u l-preservazzjoni tat-tracci materjali tar-reat hija, wara kollox, parti mid-dover ta’ kull membru tal-korp tal-Pulizija. Differenti hija l-posizzjoni ta’ espert li jqabbel l-impronti elevati ma’ dawk, per ezempju, tal-imputat – dan necessarjament jesprimi opinjoni bbazata fuq ‘hila jew sengha specjali’.

“Din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li gie ritenut fis-sentenza surreferita moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, kif dakinhar komposta, in re: **N. Zarb v. Avukat Generali** tal-31 ta’ Ottubru 2003. L-appellant odjern irid iwessa’ l-eskluzjoni senjalata f’kaz ta’ espert mahtur biex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali anke ghal dawk li kienu xi darba membri fil-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti pero` ma tikkondividix tali sottomissjoni.

“9. Minn ezami tal-fatti tal-kaz in ezami jirrizulta li l-espert Joseph Mallia, nominat mill-Qorti tal-Magistrati ghal fini ta’ ezami komparattiv tal-impronti digitali, u dan ukoll wara li ha l-impronti digitali tal-akkuzat quddiem il-Qorti, ma kienx baqa’ u kwindi m’huwiex aktar membru fil-korp tal-Pulizija. Bil-fatt imbaghad li seta’ kien li fil-mument li gew originarjament elevati u ppreservati l-impronti digitali in konnessjoni mal-allegata kommissjoni tar-reat, l-espert Joseph Mallia kien ghadu effettivament membru tal-istess Korp, dan ma jwassalx ghal xi lezjoni ta’ natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif qed jigi argumentat mill-appellant. Dan l-argument kien iregi u kien ikun validu biss fil-kaz li Joseph Mallia kien ghadu sa dak il-mument li nhatar ghal fini ta’ ezami komparattiv membru fil-Korp. L-appellant isostni li l-element ta’ indipendenza u imparzjalita` ta’ espert ghandu jkun ukoll prezenti minn punto di vista anki ta’ mera percezzjoni, izda din il-Qorti jidhrilha li bil-fatt wahdu li l-espert fl-imghoddi kien fil-Korp tal-Pulizija m’ghandux ifisser jew isegwi li allura huwa ghandu xi forma ta’ inibizzjoni jew interdizzjoni perpetwa milli qatt iservi *qua* espert tekniku fi proceduri bhal dawn. Wara kollox, kull opinjoni hekk moghtija, fuq haga teknika

jew m'hijiex, hija dejjem soggetta ghall-iskrutinju u kontroll tad-difiza, oltre li l-ahhar kelma, jew ahjar gudizzju li jorbot, jispetta lill-gudikant u mhux lill-espert. Ma hemm xejn milli jzomm lid-difiza (fil-procedura kriminali), jekk ghandha provi jew ragunijiet tajbin b'dan is-sens, illi tattakka l-validita` jew l-attendibilta` ta' kull opinjoni li tkun giet espressa jew moghtija mill-espert. Imma dan mhux a bazi tal-fatt li darba l-espert kien membru tal-Korp tal-Pulizija, ghaliex kif tajjeb gie rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata,

"'…ghaliex l-istess persuna nominata ma hijiex membru tal-Korp, u certament li m'hijiex fil-kontroll tieghu (i.e. tal-Kummissarju) u lanqas biss saret din l-allegazzjoni.'

"Anzi, jista' jinghad li fil-mument li gie nominat l-espert Mallia ghall-fini indikat, huwa kien taht il-kontroll u jirrispondi biss ghall-Qorti u ghal hadd izjed."

**10.** Din il-Qorti sejra tirreferi wkoll għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn, saħansitra fir-rigward ta' esperti membri tal-Korp tal-Pulizija, intqal:

**"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**

**"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."**

**11.** Issa, fil-kaz in eżami Joseph Mallia kien membru tal-Korp tal-Pulizija meta seħħew ir-reati in kwistjoni iżda ma kienx membru tal-Korp meta ġie nominat. Mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta illi l-impronti diġitali ġew elevati minn P.C. 964 Robert Scicluna u mhux mill-allura P.S. 673 Joseph Mallia li xehed li kien mar fuq ix-xena tad-delitt mat-*team* iżda ma wettaq l-ebda xogħol. Is-suġġeriment ta' l-appellant li Joseph Mallia kien ħa sehem fl-investigazzjoni hi għalhekk biss konġettura. Il-fatt hu li l-oppożizzjoni ta' l-appellant hi bażata unikament fuq il-fatt li fi żmien ir-reati in kwistjoni Joseph Mallia kien membru tal-Korp tal-Pulizija. Imbagħad il-komparazzjoni li għamel Joseph Mallia ma kienx mad-*database* tal-Pulizija iżda bejn l-impronti li kienu ġew elevati minn P.C. 964 u dawk ta' l-appellant li reġa' ħa[1] Joseph Mallia wara nomina appożita mill-Qorti Istruttorja. Għalhekk, ġaladarba l-appellant "**did not produce any element showing that the [expert] complained of performed [his] duties in a way which was not impartial and objective"**, u ġaladarba kull opinjoni moghtija mill-imsemmi espert, se tkun soġġetta għall-iskrutinju u kontroll tad-difiża, oltre li l-aħħar kelma, jew aħjar ġudizzju li jorbot, jispetta lill-

[1] Mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta li l-impronti ta' l-appellant kienu diga` ttieħdu minn P.S. 282 Pierre Grech iżda reġgħu ttieħdu minn Joseph Mallia peress illi kien hemm xi dettalji neqsin.

ġudikant – f'dan il-każ il-ġuri – l-ewwel aggravju ta' l-appellant qiegħed jiġi miċħud.[2]

**12.** <u>It-tieni aggravju</u> ta' l-appellant jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni tiegħu fejn baqa' jsostni illi l-provi kollha li gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fi stadju segwenti għal sentenza Kostituzzjonali datata 28 ta' Jannar 2005 huma inammissibbli. L-appellant jgħid:

"3. Illi għalhekk għandu jirriżulta bħala fatt paċifiku li sa mis-sena 2005, cioe` tmien snin sħaħ ilu, kien gia` ġie pronunzjat favur l-appellant li ma kienx qed jingħata smiegħ xieraq minħabba dewmien u għalhekk il-każ tiegħu ma kienx ser jiġi deċiż, naħa jew oħra fi żmien raġonevoli kif tesiġi l-imsemmija liġi suprema. Dan il-fattur waħdu wassal biex kiser id-drittijiet fondamentali tiegħu tmien snin ilu – *multo magis* illum il-ġurnata meta l-proċess tiegħu għadu miftuħ u mhux maqtugħ;

"4. Illi għalhekk bl-estensjoni ta' l-istess argument u in segwitu tal-preċitata sentenza Kostituzzjonali, l-appellant illum il-ġurnata, cioe` tmien snin wara, tassew mhux ser jgħaddi minn proċess xieraq kif jesiġi d-dritt fondamentali u kostituzzjonali tiegħu stante li l-prosekuzzjoni qed tinsisti li għandu jibqa' jiġi ġġudikat sbatax-il sena sħaħ wara l-allegat inċident. Dan il-fatt jassumi importanza aktar sostanzjali meta jqis li gia` ġie ġġudikat li tali nuqqas seħħ minħabba raġunijiet unikament imputabbli għall-istess prosekuzzjoni;

"5. Illi għalhekk għandu jsegwi li kull prova oħra li tresqet wara l-għoti tal-preċitata sentenza kostituzzjonali tnur kontra d-dritt fondamentali tal-akkużat li għandu jgħaddi proċess penali u li jiġi ġġudikat fi żmien raġonevoli. Dan huwa wieħed mill-aktar elementi essenzjali għal smiegħ xieraq;

---

[2] Ara Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Arnold Farrugia**, 16 ta' Lulju 2012.

“6. Illi in vista tal-argument hawn fuq imressaq, qed jiġi ribadit li kwalunkwe prova li tresqet in segwitu tas-sentenza kostituzzjonali ma għandhiex tiġi meqjusa bħala ammissibbli peress illi altrimenti tali proċess ser ikun inkwinat bi prova li tkun qed taġixxi in vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tiegħu għal proċess xieraq;

“7. Lanqas ma jista’ jiġi meqjus bħala smiegħ xieraq meta jiġi rilevat li n-nomina tal-hekk imsejjaħ espert tekniku tal-impronti diġitali saret sempliċement għal finijiet ta’ konvenjenza u mhux il-għaliex tassew tali ‘espert’ seta’ jiġi meqjus bħala imparzjali u indipendenti. Mhux biss il-Qorti tral-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kienet ikkummentat li donnha ġiet kostretta tagħmel tali nomina minħabba nuqqas ta’ riżorsi umani f’dan il-pajjiż f’tali qasam, iżda anke l-istess Avukat Ġenerali kien ikkummenta fis-sens li din in-nomina għandha tibqa’ fis-seħħ għalkemm mhux strettament desiderabbli;

“8.Illi jingħad inoltre li kif ben rimarkat mill-Ewwel Qorti, fis-sentenza Kostituzzjonali fuq ċitata, il-Qorti kienet ordnat lill-Avukat Ġenerali sabiex ‘kemm jista’ jkun malajr joħroġ Att tal-Akkuża’ kontra r-rikorrent. Għalkemm huwa minnu li dan għamlitu tramite l-odjerni proċeduri, pero` ta’ min jinnota lik dan seħħ erba’ snin sħaħ wara l-pronunzjament tal-preċitata sentenza. Illi għalhekk anke dawn l-istess proċeduri qed jivvjolaw l-ordni mogħtija mill-Prim’ Awla (Sede Kostituzzjonali) stante li l-Att tal-Akkuża ġiet preżentata mhux ‘kemm jista’ jkun malajr’ kif hekk ordnata li tagħmel u dana għal raġunijiet unikament imputabbli għall-istess prosekuzzjoni, cioe` l-Avukat Ġenerali”.

**13.** Issa, permezz ta’ rikors kostituzzjonali l-appellant kien talab lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):

“(1) Tiddikjara li fil-proċess ġudizzjarju hawn fuq indikat ġew leżi d-drittijiet fondamentali tiegħu billi mhux qed jingħata smiegħ xieraq fi żmien raħjonevoli u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

"(2) Tordna li jieqaf minnufih l-imsemmi proċess ġudizzjarju kontra l-esponent (Bħala Kumpilazzjoni ta' Provi) u kwindi jinħarġu jekk ikun il-każ l-Artikoli tal-liġi jew l-Att ta' l-Akkuża fuq il-provi ġia miġbura sad-data ta' l-aħħar rinviju li seħħ qabel l-intavolar tal-odjern rikors Kostituzzjonali;

"(3) Tordna lill-intimati biex iħallsu lir-rikorrent dak il-kumpens pekunjarju li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun minn dina l-Onorabbli Qorti;

"(4) Okkorrendo tagħti kull provvediment u/jew rimedju ieħor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ."

**14.** Permezz tas-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2005 dik il-Qorti ddeċidiet hekk:

"Tiddikjara li fil-proċess ġudizzjarju hawn fuq indikat ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent billi mhux qed jingħata smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Tiddeċiedi li mhux il-każ li tintlaqa' t-tieni talba;

"Tordna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) bħala kumpens pekunjarju;

"Tordna finalment lill-intimat biex kemm jista' jkun malajr joħroġ jekk ikun il-każ l-Artikoli tal-liġi jew l-Att ta' l-Akkuża kontra r-rikorrent akkużat;

"Spejjeż għall-intimat."

**15.** Huwa għalhekk evidenti illi b'dik is-sentenza, it-talba ta' l-appellant sabiex tieqaf il-kumpilazzjoni tal-provi ġiet miċħuda. Huwa ovvju illi jekk kien għad hemm provi x'jitressqu fil-kumpilazzjoni, l-Avukat Ġenerali ma setax jiġi preġudikat fil-funzjoni tiegħu illi jitlob lill-Qorti Istruttorja tisma' u tiġbor dawk il-provi. Jekk dan ma sarx, bħalma ordnat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili "kemm jista' jkun

malajr", ma jfissirx illi r-rimedju hu li jiġu sfilzati dawk il-provi kollha li nġabru wara l-imsemmija sentenza, ġaladarba dawk il-provi nġabru skond il-liġi. Effettivament ma saret l-ebda allegazzjoni ta' xi illegalita` fil-ġbir tagħhom.

**16.** Għalhekk, bħalma qalet tant tajjeb l-Ewwel Qorti, dawk il-provi "**huma legali u nġabru skond il-liġi u ma hemm xejn ħażin fihom u għandhom jibqgħu fl-atti bla mittiefsa biex iservu bħala prova favur jew kontra l-akkużat"**. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.

**17.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkuzat George Xuereb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------